MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 868/2010

**Middlesea Insurance Plc et**
**Vs**
**Scicluna Marvin et**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi ipprezentat fl-24 ta’ Gunju, 2010 fejn is-socjeta attrici talbet u qalet illi l-attur Felix Ellul huwa proprjetarju tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAG 612. Peress illi l-istess vettura hija koperta b’polza ta’ assikurazzjoni mas-soceta attrici u cioe Middlesea Insurance Plc;

Peress illi bejn il-21 ta’ Novembru u t-22 ta’ Novembru, 2008, waqghet hgiega mill-fond li jgib l-indirizz 132 Triq Santa Tereza Zabbar, f’liema fond fiz-zmien relattiv kienu qed isiru xogholijiet ta’ kostruzzjoni u liema fond huwa proprjeta tal-konvenut Marvin Scicluna.

Peress illi s-socjta konvenuta JJC Construction Services Ltd kienet responsabbli mix-xoghol ta’ kostruzzjoni li kien qieghed isir f’dan l-imsemmi fond;

Peress illi l-hgiega imsemmija waqghet qui l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAG 612 liema vetura hija proprjeta ta’ l-attur Felix Ellul;

Peress illi b'konsegwenza diretta ta' dan l-incident, il-vettura ta' l-attur Felix Ellul garrbet hsarat, liema hsarat u spejjez relattivi ma l-istess hsarat jammontaw ghal sebgha mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€775.94) liema somma tinkludi l-ammont ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) rapprezentanti f'*policy excess*.
Peress illi l-incident imsemmi sehh minhabba tort, negligenza u nuqqas t'osservanza tar-regoli relatati mal-kostruzzjoni u mal-manutenzjoni tal-proprjeta da part ital-konvenuti Marvin Scicluna u JJC Constructon Services Ltd jew min minnhom;
Ghalhekk il-konvenuti jew minn minnhom, qedghin jigu mitluba jhallsu s-somma ta' sebgha mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€775.94) liema ammont jinkludi l-hsarat relattivi, spejjez koncernati u tiswijiet li kellhom isiru fuq il-vettura in kwistjoni, u jinkludi wkoll is-somma ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) rapprezentanti f'*policy excess* li giet imhallsa mill-attur Felix Ellul flimkien ma' l-ispejjez legali u professjonali, inkluz ta' l-ittri mibghuta liz-zewg konvenuti u l-ispejjez ta' l-arbitragg 2061/09 bl-interessi legali mid-data ta' l-incident sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.
eIlli b'risposta pprezentat fit-18 ta' Awissu, 2010 l-intimat Marvin Scicluna eccepixxa illi fl-ewwel lok jigi dikjarat illi r-risposta saret limitatament mill-intimat Marvin Scicluna.
Illi l-fatti li jikkoncernaw din il-kawza huma li l-intimat Marvin Scicluna inkariga lis-socjeta kummercjali JJC Construction Services Limite, biex taghmel xoghol fil-fond proprjeta tieghu, u dan permezz ta' kuntratt turnkey.
Illi l-pussess tal-fond in kwistjoni fid-data tal-incident kienet esklussivament f'idejn is-socjeta' intimata JJC Construction Services Limited, li kienu inkarigati biex jaghmlu x-xogholijiet.
Illi fil-gurnata meta sar l-allegat incident, Marvin Scicluna ma kellux il-kontroll tal-fond in kwistjoni tal-fond in kwistjoni u dan stante illi huwa kien imsiefer.
Illi Marvin Scicluna bl-ebda mod ma jista jigi meqjus responsabbli ghall-allegati danni sofferti mir-rikorrent u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak eccepit, ghandhom jingiebu l-provi ghall-allegati danni sofferti.
Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontrihom.
Illi b'risposta orha pprezentata fit-13 ta' Ottubru, 2010 s-socjeta' konvenuta JJC Construction Services Ltd eccepiet illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' JJC Construction Services Limited huma infondati filfatt u fid-dritt peress illi ghall-incident mertu tal-kawza, s-socjeta' konvenuta ma kienitx responsabbli u dan ghaliex ma kienitx qed tezegwixxi xogholijiet fil-gallerija izda fuq il-parti interna tad-dar kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz.
Illi l-konvenut Marvin Scicluna kien qabbad mill-inqas tlett kuntratturi separati sabiex jaghmlu xogholijiet fil-proprjeta tieghu senjatament mastrudaxxa biex jaghmel il-gallerija ta' l-injam kif ukoll haddied biex jibni struttura tal-metal fil-kamra tas-sodda illi fiha hem mil-gallerija li minna allegatament waqghet il-hgiega.
Illi xoghol is-socjeta' konvenuta kien biss wiehed ta' bini ta' hitan, tghaddija ta' dawl u ilma, kif ukoll kisi ta' hitan fil-kmamar interni tal-fond proprjeta tal-konvenut Marvin Scicluna u ghalhekk gia la darba ma kienitx is-socjeta' konvenuta responsabbli ghax-xogholijiet fil-gallarija, qatt ma tista tkun responsabbli ghll-incident mertu tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.
Xehed Felix Ellul li spjega li l-vettura tieghu CAG 612 kienet ipparkjata fi Triq Santa Teresa Zabbar. Malli beda biex isuq izzerzqet hgiega ghal fuq il-*windscreen* li qabel ma kienx induna biha, peress illi kien id-dlam wkoll. Kif hares il fuq biex jara minn fuq waqhet ra tieqa imkissra ezatt fuq fejn kien ipparkjat. L-ghara mar jiehu r-ritratti u mar l-ghassa biex jaghmel rapport. Kellmuh ukoll zewg anzjani li qalulu li semghu l-hoss ta' hgieg jinkiser. Dan il-post kien antic u li kien qed jigi rrangat u ma kien hemm hadd jabita fih. Sar jaf illi l-post huwa ta' Marvin Scicluna li kien imsiefer. Meta x-xhud kellem lill-kuntrattur dan qallu biex ikellem lill Marvin Scicluna.
Xehdet Rosette Calafato dwar l-*claim* ta' Felix Ellul bil-vettura Hyundai Accent CAG 612, meta waqa xi hgieg u kkagunalu hsarat fuq il-vettura. Hu kien *covered comprehensive* u thallas is-somma ta' sebgha mija hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€775.94)

Felix Ellul hallas *excess* ta' tmienja u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin ewro (€58.28). Din ix-xhud xehdet illi saret taf minn ittra ta' Marvin Scicluna ili fil-post kienet qed tahdem il-kumpanija JJC Construction.

Xehed PC 1160 Kevin Penza illi kkonferma r-rapport tal-pulizija imhejji minnu stess u qal illi l-*istatements* hadhom hu stess.

Permezz ta' affidavitipprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2011 xehed Marvin Scicluna illi qal li huwa sid il-fond 132 Triq Santa Teresa Zabbar fejn kienu qed isiru xogholijiet ta' kostruzzjoni u *finishing*, li ghalihom kienet imqabbda l-kunpanija JJC Construction. Dan ix-xhud qal illi f'Novembru 2008 il-kumpanija JJC Construction kienet wahehdha taghmel ix-xogholijiet imsemmija. Qal illi l-uniku haddiema li kellhom ic-cavetta tal-post kienu tal-JJC Construction u mhux veru li kien hemm haddiema ohra jahdmu fil-post. Qal illi dejjem kien miftiehem illi JJC Construction kellha polza t'assikurazzjoni li tkopri x-xogholijiet izda qatt ma uriet kopja ta' din il-polza.

Jghid illi meta gara l-incident hu u l-mara tieghu Abigail Scicluna Lewis kienu msefrin l-Egittu, u li ghalhekk ma kellu beda kontroll fuq il-fond u dan peress illi kienet qed tiehu hsieb il-post il-kumpanija JJC Constructions. Jghid ukoll illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn hu u l-mara tieghu ghamlu enfazi lil JJC Constructions biex jghalqu t-twiei, l-aperturi u l-bibien kollha.

Permezz ta'affidavit xehdet Abigail Scicluna Lewis li xehdet illi flimkien mar-ragel taghha ddecidew li jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni u finishing fil-post 132 Triq Santa Teresa Zabbar. Qabbdu lis-socjeta JJC Construction bhala turnkey contractors sabiex tissorvelja x-xogholijiet mehtiega fil-post. Ix-xogholijiet li ghaml et il-kumpanija JJC Construction huma dawk elenkati fil-kont tax-xogholijiet tal-4 ta' Mejju, 2009. Tghid illi bhala perit it-tqassim tax-xoghol kien f'idejha sabiex haddiema ma jidhlux fuq xulxin. Filfatt tikkonferma illi f'Novembru 2008 is-socjeta' JJC Construction kienet l-unika li kellha c-cavetta tal-post u ma kien hemm ebda haddiema ohra fil-post jaghmlu x-xogholijiet ta' aperturi. Tghid illi kienu JJC Construction Services Ltd li kienu responsabbli tax-xogholijiet, tal-post u tal-azzjonijiet tal-haddiema. Ikkonfermat li suppost il-kumpanija JJC Construction

kellha polza ta' assikurazzjoni u kkonfermat ukoll illi meta sehh l-incident hi flimkien ma zewgha kienet imsiefra l-Egittu.
Xehed Jeremy Cassar bhala Direttur tal-kumpanija JJC Construction, li taghmel xoghol ta' bini, kisi u turnkey. Jghid illi l-kumpanija JJC Construction giet imqabbda minn Marvin Scicluna biex taghmel xoghol ta' bini, dawl u ilma, kisi u zebgha tal-hitan fl-intern tad-dar. F'Novembru 2008 meta sehh l-incident il-kumpanija kienet qed taghmel xoghol fil-gnien. Qal ill il-kumpanija tieghu ma taghmilx xoghol ta' struttura u tiswijiet fuq il-galleriji. Fuq dan ix-xoghol kien hemm haddiema orha. Jghid illi fil-bidu tal-progett il-kumpanija JJC Construction kienet wahedha tahdem pero imbaghad bdew dehlin haddiema ohra Jiftakar wkoll illi Marvin Scicluna kien jaghmillu premura biex dejjem jaghlaq l-aperturi pero dan dam jaghmlu sakemm kienet tahdem il-kumpanija JJC Construction wahedha, wara bdew dehlin haddiema ohra u ma kellux kontroll.
Xehed Silvio Cassar li huwa mpjegat tal-kumpanija konvenuta JJC Construction. Jghid illi x-xoghol kienu bdewh minn fuq u dejjem nezlin 'l isfel u meta gara l-incident kienu isfel jahdmu fil-gnien. Jghid illi fil-bidu kellhom cavetta pero imbaghad kien hem haddiema ohra li kellhom cavetta wkoll. Dawn il-haddiema ma kienux impjegati ta' JJC Construction. Spjega illi x-xoghol fuq l-aperturi ma jaqax taht il-lista tax-xogholijiet tal-kumpanija JJC Construction Services Ltd.
It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jara illi f'din il-kawza fejn l-attur Felix Ellul soffra danni fil-vettura tieghu li hallsithomlu l-Insurance Middelsea, qed ifittex lill Marvin Scicluna bhala sid id-dar biex jaghmel tajjeb gahd-danni kawzati minn hgiega li waqghet minn tieqa tieghu. Marvin Scicluna min-naha tieghu qed jghid illi r-responsabbilta mhix tieghu peress illi hu ma kienx Malta u kien qabbad lis-socjeta konvenuta JJC. Constructions biex taghmel xoghol fid-dar tieghu . Ghalhekk jghid illi r-responsabbilta taqa fuq il-kumpanija JJC Constructions.
F'dan il-kaz pero minkejja l-fatt li s-sid ma kienx prezenti u minkejja li qabbad haddiema fid-dar tieghu ma jfissirx illi neza mir-responsabbilta tieghu kollha bhala s-sid u

jghaddiha lill-kumpanija JJC Construction. Ir-responsabbilta tieghu bhala sid il-post baqghet hemm u ghalhekk huwa responsabbli tal-hsarat li kkawzat id-dar tieghu. Dan tenut kont tal-fatt ukoll illi l-kumpanija JJC Construction ma kinitx imqabbda taghmel tiswijiet jew xoghol fil-gallerija ghax kieku wiehed jista jghid li l-kumpanija konvenuta naqset milli taghmel ix-xoghol imqabbda biex taghme u ghalhekk gew kawzati d-danni.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddecidi l-kaz billi jilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ sebgha mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€775.94)u jikkundanna lil konvenut Marvin Scicluna jhallas l-ammont ta’ mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€775.94) lill-atturi kif mitluba. Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tal-konvenut Marvin Scicluna

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------